# Il-Ħadd 15.12.2019

1. Illum 15/12, **it-Tielet Ħadd tal-Avvent**:
   - Fl-10:30am – Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Filgħaxija – In-Novena, bl-animazzjoni tkun mill-Kappillan.

     Infakkru li fil-jiem tan-Novena għandna xi qfif fuq l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw bħala għajnuna lill-persuni fil-bżonn u istituti.

     Infakkar ukoll li b'sinjal ta' solidarjetà ma' ħutna tal-Albanija, *Caritas Malta* qed tilqa' donazzjonijiet finanzjarji. Min jixtieq jagħmel għotja jista' jagħmel dan billi jgħaddiha lili jew jibgħat Cheque indirizzat ***Caritas Malta Emergency Fund, 5, Triq l-Iljun, Floriana, FRN 1514***.
2. It-Tnejn 16/12:
   - Fis-6:00pm – Rużarju;
   - Fis-6:15pm – Il-Ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali;
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mill-Kummissjoni Familja u Grupp Koppji Miżżewġa.
3. It-Tlieta 17/12:
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mil-Letturi u l-Animaturi tal-Quddies.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bil-Vestizzjoni ta' Abbatini ġodda u t-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Abbatini.
4. L-Erbgħa 18/12:
   - L-animazzjoni tan-Novena u tkun animata minn Grupp Żgħażagħ u l-Leġjun ta' Marija.
   - Wara l-Quddiesa nagħmlu l-purċissjoni msejjħa *La Posada* mill-Knisja saz-Zuntier ta' Santa Marija u wara nbierku Presepju mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl.
5. Il-Ħamis 19/12:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja ddedikata lil Sant' Anna fiż-ż-Żebbiegħ, limiti tal-Imġarr, fejn ikollna Quddiesa, u wara *buffet lunch* f'lukanda l-Qawra. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - L-animazzjoni tkun mill-Kummissjoni Djakonija u l-Grupp Kelma tal-Ħajja.
6. Il-Ġimgħa 20/12:
   - L-animazzjoni tan-Novena tkun mill-Kor 'Sine Macula'.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bis-sehem tal-Gradwati ġodda mill-Parroċċa tagħna.
7. Is-Sibt 21/12:
   - Fit-8:30am sad-9:15am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini bi preparazzjoni għall-Milied.
   - Mill-5:00pm 'il quddiem ikollna l-Qrar bi preparazzjoni għall-Milied.
   - Fis-6:30pm – Quddiesa bl-animazzjoni tkun mill-Kummissjoni Liturġija u l-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju.
8. Il-Ħadd 22/12, **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fid-9:00am – Quddiesa animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini u l-Presepji. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa speċjali.
   - Bejn l-10:00am u 12:00pm, l-Isqfijiet Maltin ser ikunu l-Kurja fil-Floriana biex jilqgħu lil kulmin jixtieq jagħtihom l-awguri għal dawn il-festi.
   - Filgħaxija – L-animazzjoni tkun mill-Kappillan.
9. Avviżi oħra:
   - Il-Każin 'San Pawl' javża li din is-sena ser jagħti donazzjoni lid-Dar tal-Providenza bħala ġest ta' solidarjetà minflok jibgħat kartolini bl-awguri għal dawn iż-żminijiet ta' festi.
   - Fadlilna xi ponsjetti għall-bejgħ. Min hu mħajjar jidħol fis-sagristija.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:

    - € 10 bħala donazzjoni b'risq il-proġetti ta' manutensjoni u restawr. Grazzi.
11. Nitolbu għal Francesca Busuttil li għaddiet għal ħajja ta' dejjem.

    Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ...